# FUQ IL-LANT



Public Works
Department

HARĠA NRU.8
**OTTUBRU 2023**

## F' DIN IL-ĦARĠA...


- MANUTENZJONI TA' CULVERTS
- AĦBARIJIET
  - GREEN STORMWATER
  - IL-PPS IŻUR IL-FUNTANA TAT-TRITONI
  - KARRIERI ĠODDA
  - IX-XOGĦOL TAL-PDED
- RITRATTI


## MANUTENZJONI U TINDIF TA' CULVERTS

F'nofs Awwissu, id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi, għamel xogħlijiet ta' tindif ta' culverts f'diversi inħawi. Dawn l-istormwater culverts jinsabu f'żoni meqjusa bħala high-risk areas għal għargħar. Sar ukoll koordinament u kollaborazzjoni biex entitajiet pubbliċi li għandhom sistemi ta' tgħaffija tal-għargħar jaraw li jsir it-tindif meħtieġ.

Dan it-tindif huwa bżonnjuż issa li resqin lejn xhur bi probabbiltà ta' maltemp qawwi u xita qalila. Hawnhekk il-ħaddiema tal-PWD flimkien mal-ħaddiema tal-entitajiet pubbliċi kkonċernati, immexxieha mit-Taqsima tal-Coastal and Stormwater fi ħdan id-Dipartiment, naddfu l-culverts li kienu mimlijin ħama, weraq, zkuk u skart ieħor permezz ta' high pressure bowsers biex dawn ma jispiċċawx isoddu l-passaġġi minn fejn jgħaddi l-ilma meta tagħmel ix-xita. Sar ukoll bdil ta' gradilji tat-toroq fejn kien meħtieġ.

Il-lokalitajiet li fihom sar dan it-tindif jinkludu l-Gżira, Tas-Sliema, San Pawl il-Baħar, l-Imsida, il-Birgu, Bormla, is-Siġġiewi, iż-Żurrieq, Ħ'Attard, San Ġiljan, Marsaxlokk, Marsaskala, Birżebbuġa, in-Naxxar, San Ġwann, l-Iklin, Birkirkara, il-Mosta u ż-Żejtun.

Fl-istess ħin, id-Dipartiment baqa' għaddej bil-ħidma kontinwa tiegħu sabiex inżommu l-mini tal-NFRP fi stat ta' manutenzjoni tajba bi tħejjija għall-maltemp. Għaldaqstant, id-Dipartiment jieħu l-okkażjoni biex jirringrazzja lill-ħaddiema involuti f'din it-Taqsima tal-isforzi tagħhom sabiex ilaħħqu mad-domanda ta' tindif u manutenzjoni fix-xhur tas-sajf.





# TNEDIJA TAL-PROĠETTI 'GREEN STORMWATER INFRASTRUCTURE'

Il-Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar huwa benefiċjarju tal-proġett LIFE (LIFE-IP RBMP-MALTA), liema proġett huwa kkoordinat mill-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma (EWA).

Il-proġett LIFE-IP għandu l-għan li jappoġġja l-implimentazzjoni tad-Direttiva ta' Qafas tal-Ilma f'Malta. Il-Ministeru huwa inkarigat mill-implimentazzjoni ta' infrastruttura tal-ilma tax-xita magħrufa aħjar bħala Green Stormwater Infrastructure (GSI).

Fis-sena 2022 il-Ministeru ħareġ espressjoni ta' interess għall-għażla ta' tliet benefiċjarji biex iwettqu investiment f'infrastruttura ħadra għaż-żamma u l-użu tal-ilma tax-xita kif ukoll it-titjib tal-kwalità tal-ilma.

Il-benefiċjarji magħżula huma l-Kunsill Lokali ta' Raħal Ġdid, il-Kunsill Lokali t'Għajnsielem u l-Aġenzija Project Green.

Il-proġetti f'Raħal Ġdid u Għajnsielem se jkunu qed ibiddlu spazji pubbliċi f'żoni aktar sostenibbli.

Il-proġetti se jkunu qed jilqgħu l-ilma tax-xita biex jintuża minn sistemi ta' irrigazzjoni u biex ikunu mitigati l-problemi t'għargħar.

Partikolarment f'Raħal Ġdid se jiżdiedu żoni ħodor biex jassorbu l-ilma li jinġema' fuq wiċċ l-art kif ukoll jinbidel il-wiċċ taż-żona tal-logħob għal materjal li minnu jgħaddi l-ilma. Ġiebja ta' volum ta' ilma ta' 250 metru kubu se tinbena taħt din iż-żona.

Kull min hu midħla t'Għajnsielem żgur jaf bil-problema t'għargħar li jiffaċċjaw ir-residenti lejn in-naħa tal-Knisja bl-ilma tax-xita li jkun nieżel min-Nadur. Hawnhekk, fiż-żona rikreattiva magħrufa bħala Amabile Cauchi, se ssir infrastruttura adegwata kemm għaż-żona kif ukoll għal Pjazza tad-Dehra, fosthom permezz ta' ġiebja taħt l-art li tesa' mal-500 metru kubu ta' ilma.

Id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi, b'kollaborazzjoni mal-Kunsill t'Għajnsielem u Project Green, se jnaddaf ukoll Wied Simirat (Għajnsielem). Mal-aġenzija Project Green se jsir it-tindif ta' Wied il-Għajn (Marsaskala) u Għajn Mula fil-limiti tal-Mosta. Hawnhekk se jitneħħa ħmieġ akkumulat u speċi invażivi biex tiżdied il-kapaċità tal-ilma tax-xita fid-digi. Se jitħawlu siġar u arbuxelli iktar adattati biex kemm jista' jkun ma tintilifx ħamrija. Ix-xogħlijiet se jkun qed isiru skont ir-regolamenti u l-permessi maħruġa mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi.








# IL-KAP TAS-SERVIZZ PUBBLIKU JŻUR IS-SOTTERRAN TAL-FUNTANA TAT-TRITONI

F'dawn l-aħħar xhur, l-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni wera interess sħiħ fit-taqsimiet fi ħdan id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-ħidma li jwettqu. Qed ikun rikonoxxut ix-xogħol ta' ġid u importanti li jsir mill-ħaddiema tas-servizz pubbliku li sfortunatament ftit li xejn kien qed jiġi muri pubblikament.

Iż-żjarat li għamel il-Kap tas-Servizz Pubbliku, is-Sur Tony Sultana, fl-Arkivju tad-Dipartiment f'Diċembru u anki riċentament fis-sotterran tal-Funtana tat-Tritoni, jagħtuna l-opportunità li nesponu xogħolna u l-ħaddiema tagħna.

Fis-sotterran tal-Funtana tat-Tritoni, is-Sur Sultana seta' jara iktar mill-qrib it-tħaddim tagħha. Ġie spjegat kif ir-restawr tal-funtana tana wkoll l-opportunità li ninvestu f'teknoloġija moderna li tiffaċilita l-operat tagħha. Il-funtana tista' titħaddem b'mod remot b'software speċjalizzat. Dan ifisser li kemm id-dawl kif ukoll il-features tal-ilma jkunu kkontrollati b'mod remot mingħajr ma l-persuna inkarigata mill-funtana tkun preżenti fuq il-post.

Qabel ir-restawr li sar bejn l-2017 u l-2018, il-Funtana tat-Tritoni kellha pump room żgħira li kienet tinsab eżatt taħt il-funtana, bl-entratura għaliha tkun bokka fl-art viċin tagħha. Din il-kamra kienet żgħira wisq biex takkomoda l-apparat elettroniku u mekkaniku tal-funtana. Għaldaqstant kienet inħasset il-ħtieġa li tinbena faċilità ikbar taħt l-art b'features iktar moderni, ħruġ u dwal tal-emerġenza, sistema ta' fire detection, u post aktar komdu u sigur minn fejn wieħed jista' jħaddimha.





# TAĦRIĠ U KARRIERI ĠODDA FID-DIPARTIMENT TAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI

It-Taqsima tat-Taħriġ fi ħdan il-Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar hija impenjata li tipprovdi taħriġ kontinwu lill-ħaddiema tagħna.

Fost it-taħriġ li din offriet insibu kors għall-għoti ta' kard tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, kors ta' taħriġ bażiku fis-sengħa tal-bini, kors fl-ortikultura u l-landscaping u korsijiet għal dawk il-ħaddiema ġodda ingaġġati fil-Ministeru.

Fil-fatt, f'dawn l-aħħar xhur, id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi ingaġġa numru ta' ħaddiema biex isaħħaħ l-operat tiegħu. Nawguraw lill-impjegati l-ġodda kull suċċess fil-karriera tagħhom mad-Dipartiment.



**Adiel Cuschieri**
Manager II



**Dale Bartolo**
Manager II



**James McElhatton**
Inġinier



**Nadine Zammit**
Perit



**Jessica Rossitto**
Perit

# IX-XOGĦOL TAD-DIRETTORAT GĦAD-DISINN TA' PROĠETTI U L-INĠINERIJA (PDED)

*Perit Nadia Gatt Curmi, Direttur PDED*

Il-PDED hu wieħed mid-direttorati fi ħdan id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi. Numru kbir ta' proġetti li jwettaq id-Dipartiment jiġu ddisinjati u implimentat minn dan id-direttorat. Dan ix-xogħol jiġi mwettaq minn team ta' professjonisti li jinkludi periti, inġiniera, draughtspersons, land surveyors u project managers. Il-proġetti u t-talbiet li jaslu f'dan id-direttorat huma varji, fosthom tisbiħ ta' spazji pubbliċi bħal ġonna, spazji rikreattivi għat-tfal (bandli), tisbiħ ta' uffiċini, spazji u kumplessi sportivi, u skejjel fost l-oħrajn. Wieħed mill-akbar proġetti li qed jiġu implimentati b'suċċess hu l-proġett tal-Park Nazzjonali ta' Malta f'Ta' Qali, li jinkorpora żona ta' madwar 300,000 metru kwadru. Dan il-proġett ġab miegħu sfidi ġodda fosthom il-manutenzjoni tal-ispazji ħodor, u għaldaqstant id-Dipartiment ħass ukoll il-ħtieġa li jikber fl-aspett ta' landscaping, fejn ġew ingaġġati team ta' nies kwalifikati biex jieħdu ħsieb iż-żamma ta' dan il-park.

"Bħala Perit, nista' ngħid li bl-isfidi kollha li proġett iġib miegħu, meta tarah imwettaq b'suċċess u jkun qed jitgawda, jagħtik sodisfazzjon kbir.

Element importanti fid-Direttorat hu li jkun hemm teamwork tajjeb u koordinament sħiħ fejn jidħol l-immaniġġjar tas-sit, rappurtaġġ ta' progress u anke monitoraġġ finanzjaru. Dan tal-aħħar huwa ferm importanti biex wieħed ikun konxju li nwettqu proġetti sostenibbli. Minkejja l-isfidi ta' time management, nagħti importanza wkoll it-taħriġ tal-ħaddiema, sabiex dak li jkun iżomm ruħu aġġornat ma' dak kollu li jkun qed jinbidel hemm barra. Jekk dan ma jsirx, inħoss li wieħed ikun qed jonqos milli jagħti l-almu tiegħu fil-proġett li jkun ġie fdat f'idejh," tfisser il-Perit Nadia Gatt Curmi.

Riċentament qegħdin ukoll naraw li nimplimentaw proġetti li jkunu aktar sostenibbli mill-aspett ambjentali, dan permezz ta' għażla ta' materjali u teknoloġiji moderni fost l-oħrajn. Huwa permezz ta' dawn il-miżuri li d-Dipartiment ikompli jsaħħaħ l-operat tiegħu lejn twettiq ta' proġetti tal-ogħla kwalità, sengħa u ħila.



**XOGĦOL LI BĦALISSA JINSAB GĦADDEJ FUQ IL-CAR PARK TAL-PARK NAZZJONALI TA' MALTA F'TA' QALI**

# PROĠETTI TAD-DIPARTIMENT TAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI



ĠNIEN BIR L-ILJUN, IR-RABAT



L-ANTENNI TAL-MITĦNA TAX-XAROLLA



ĠNIEN MADONNA TAL-ANĠLI, BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ



IR-RAILINGS MAX-XATT TAX-XGĦAJRA



#EUROPRIDE 2023

#EQUALITY FROM THE HEART





LOGĦBA FRIENDLY B'RISQ L-ALS